# *Il-knisja tal-Lunzjata bħala klassi ta' l-iskola.*



Il-bini li kien iservi bħala l-iskola Primarja tal-Gudja kien jinsab fi Triq Santa Marija (fejn illum hemm il-Qasam tal-MUSEUM tas-subien). Iżda fl- l924 kien diġà nħass il-bżonn ta' skola akbar. Bejn is-snin 1921 u l-1948 fil-Gudja kien hawn tkabbir fil-popolazzjoni. Wieħed mill-fatturi kien in-numru ta' refuġjati li fi żmien il-gwerra ġew mill-bliet bħall-Kottonera, Raħal Ġdid u l-Belt. Fl-1921 il-popolazzjoni kienet 1,167, filwaqt li fl-1948 il-popolazzjoni kienet 1,486. B'riżultat ta' dan,in-numru ta' tfal żdied u dan wassal biex jinħass aktar in-nuqqas ta' spazju fl-iskola. Għalhekk it-talba biex tinbena skola ġdida u ikbar kienet issa aktar iġġustifikata. Sakemm tlesta l-bini ta' l-iskola l-ġdida sar użu mill-knisja tal-Lunzjata fejn kienet titgħallem klassi waħda. Kien nhar il-25 t'April 1949 meta l-aġent kap ta' l-iskola, is-Sur J. Attard Baldacchino ( 1949-1950) kien talab lill-kappillan Dun Anton Rapa (Kappillan 1942 - 1952) biex isir użu mill-knisja tal-Lunzjata bħala klassi addizzjonali, liema



was scheduled to start from to-day but owing to unforeseen circumstances the "Chapel" will not be available before to-morrow when the Rev. Parish Priest will be able to hand over the keys.

6. 49. School visited.
Visited Std. III Boys (Mr. John Bugeja) and Std. II Mixed (Miss T. Portelli.)
Both teachers were advised to see to their preparation.
(signature)

7-VI-49 a/ Began to use the "Annunciation Chapel" as an additional classroom to-day. As the chapel will be needed by Ecclesiastical Authorities every Thursday morning, on such days the class which usually attends school at the Chapel will attend at the ordinary school premises from 7.30 a.m. to 10 a.m. while one of the other classes will attend from 10.15 a.m. to 12.45 a.m.
b/ Forwarded applications for Adult Edu. Course; also report on the use of the "Chapel" to Miss Borg & to the D. of E.
c/ Forwarded report on Substitute teachers and dressmaking returns.

8-VI-49 School Visited. Took both Stds III (boys & girls) for a "Follow up lesson after b'cast talk "It-tifel ma Żbiebu" & visited: Std I; Stg I & II.
(Rev) Jos Bonnici

permess kien ingħata nhar it-28 ta' l-istess xahar. Fis-7 ta' Ġunju 1949 din il-knisja bdiet tintuża bħala klassi, imma b'kundizzjoni li kull nhar ta' Ħamis filgħodu din il-knisja kienet tintuża għal affarijiet oħra, fosthom il-qrar. F'din il-ġurnata, it-tfal li normalment kienu jattendu fil-knisja kienu jattendu l-iskola mis-7.30 sa l-10 ta' filgħodu, filwaqt li waħda mill-klassijiet l-oħra kienet tattendi l-iskola mill-10.15 ta' filgħodu sas-siegħa neqsin kwart (magħrufa bħala 24-hour timetable).

Il-klassi kienet tkun magħmula minn subien u bniet. Fuq it-tarġa ta' l-artal kienet titqiegħed il-mejda ta' l-għalliema u l-"blackboard''. Il-bankijiet kienu mqassma f'żewġ ringieli u kemm fin-nofs kif ukoll fil-ġnub tal-knisja kien jitħalla passaġġ. Il-bieb tal-faccata kien jinżamm miftuħ biex jidħol id-dawl, filwaqt li l-kancell kien jinżamm magħluq. Id-daqsxejn ta' sagristija kienet tintuża minflok armarju, fejn kienu

jintrefgħu l-pitazzi, il-kotba u xi stampi. Fil-ħin tar-rikreazzjoni it-tfal kienu jużaw il-bitħa ta' l-iskola kif ukoll it-"toilets'' ta' l-istess skola. Kemm fil-ftuħ tas-sena skolastika 1949/50 kif ukoll tall-1950/51 fil-knisja tal-Lunzjata kienu qed isiru xi tiswijiet li l-istess knisja ġarrbet matul il-gwerra u għaldaqstant ma setgħetx tintuża sakemm ix-xogħol jitlesta. Għal dan il-perjodu (li kien ta' ftit ġimgħat), kif ukoll f'okkażjonijiet meta l-klassi ma kinetx issir fil-Lunzjata, xi klassijiet kienu josservaw *"24 hour timetable''*. Bejn l-24 u s-27 t'Ottubru 1949 fil-Gudja kien hawn il-Missjoni l-Kbira, u f'dawn it-tlett ijiem kienu saru l-priedki fil-Lunzjata - fil-ħdax kienu jmorru s-subien u fit-tlieta l-bniet. Anke l-priedki tar-Randan għat-tfal kienu saru f'din il-knisja. L-użu tal-Lunzjata bħala klassi dam sakemm nhar id-9 t'April 1953 wara l-vaganzi ta' l-Għid bdiet tintuża l-iskola l-ġdida fi Triq San Mark. Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni kien irringrazzja lill-kappillan kif ukoll kienet ingħatat is-somma ta' Lm55 bħala kumpens għall-użu tal-knisja tal-Lunzjata.

Martin Gravina

Ħajr lill:-

Mr. G. Sammut (kap ta' l-iskola – Gudja) u Mrs. C. Xuereb

Referenza

Eleventh Census of the Maltese Islands 1948 (p.2)

Arkivju Skola Primarja Gudja: Log Book No. 1 (Dec. 1926 – Jan. 1955)

Arkivju Parrokkjali: Libro della chiesa figliale sotto titolo dell'Annunziata Gudia 1862 -1958 (Introito) Ktieb Nru 61.